# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL D

**(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)**

Cit nru 306/91

Illum 23 ta' April 2002.

IL-PULIZIJA
(Spettur Anthony Cassar)

VS

Raymond Borg

**IL-QORTI**

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u dan talli fil-Coast Road, Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar fid-29 ta' Gunju, 1989 ghall-habta tal-11.00 a.m.

1. Saq vettura tal-ghamla Ford Capri 1600 bin-numru ta' registrazzjoni K 6080 b'manjiera perikoluza u traskurata.

2. Fl-istess lok, jum u hin b'nuqqas ta hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tas-sewqan jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Michael Joseph Quinn skond ma' ccertifika Dr Ivan Esposito MD tal-isptar San Luqa kif ukoll ikkaguna feriti ohra gravi fuq il-persuna ta' Patricia Cusack skond ma ccertifika Dr Anthony Buttigieg MD tal-isptar san Luqa

3. Fl-istess lok, jum u hin ikkaguna hsara fuq il-mutur tal-ghamla Yamaha 100 bin-numru tar-registrazzjoni Q 3303 ghad-dannu tas-sid tal-imsemmi mutur.

Rat in-nota tal-Avukat Generali ( a fol 109 tal-atti) li biha billi deherlu li tista tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-istess imputat a bazi tal-istess kumpilazzjoni taht dak li hemm mahsub:

a) Fl-artikoli 15 (1) (a) (2), (3) tal-Kapitolu 65 u 533 tal-Kodici Kriminali

b) Fl-artikoli 226 (1) (a) u 533 tal-Kodici Kriminali

c) Fl-artikoli 328 (b) u 533 tal-Kodici Kriminali

Iddecieda li jibghat lill-istess imputat sabiex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali f'nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-istess imputat u prevja li din il-Qorti tisma x-xhieda specifikata fl-istess nota.

Rat dak verbalizzat a fol 146, 179 u 205 tal-atti.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni sabiex il-kaz tieghu jigi ggudikat minn din il-Qorti (ara wkoll fol 5 tal-atti).

Semghet lill-akkuzat minn jeddu.

<u>Ikkunsidrat:</u>

Illi dan il-kaz jittratta dwar incident stradali li gara fit-triq indikata fl-akkuzi u li kien jinvolvi karozza tal-marka Ford Capri numru K 6068 misjuqa mill-akkuzat u mutur tal-marka Yamaha Q 3303 misjuq minn Michael Joseph Quinn akkumpanjat minn Patricia Cusack. In vista li f'dan il-kaz, l-ahhar zewg persuni msemmija kienu ttiehdu fl-isptar San Luqa u allegatament kienu sofrew feriti gravi waqt li Patricia Cusack kienet ukoll fil-periklu li tmut (ara fol 4 tal-anness process verbal a fol 44 tal-atti) kienet saret inkjesta mill-Magistrat tal-Ghassa.

Fost l-esperti nominati f'din l-inkjesta kien hemm l-avukat Dottor Joseph Zammit Mckeon (fol 58 et seq ibid). Dan, oltre li esebixxa l-verbali kollha tax-xhieda li nstemghu waqt l-inkjesta kif ukoll id-dokumenti esebiti f'dan l-istadju tal-proceduri (fol 62 tal-atti) issottometta wkoll, kif assistit, ir-relazzjoni li tinsab a fol 68 tal-istess atti. Hawnhekk ghandhom jigu nnotati s-segwenti fatti, rizultanti mill-imsemmija relazzjoni kif ukoll mix-xhieda mismugha u mid-dokumenti esebiti waqt l-istess inkjesta, kollha kemm hi konfermata 'viva voce' waqt il-presenti proceduri, hlief ghall-imsemmija Michael Quinn u Patricia Cusack li xehdu biss waqt l-inkjesta stante li ftit wara l-incident in ezami, huma siefru minn Malta u ma kienux disponibbli sabiex jixhdu waqt il-kumpilazzjoni.

Minhabba dan, ix-xhieda moghtija minnhom waqt l-inkjesta ghandha tigi kunsiderata bhala prova valida u ammissibbli skond il-ligi (ara l-artikolu 550 u 646 (2) (4) tal-Kodici Kriminali).

a) L-incident gara fl-hekk imsejha 'coast road' f'Bahar ic-Caghaq, vicin hafna ta' liwja li ddur lejn ix-xellug gej mid-direzzjoni ta' San Giljan u sejjer lejn San Pawl il-Bahar.

b) Fuq il-post tal-incident kien hemm il-vetturi nvoluti bil-'motor cycle' imsemmi taht il-hajt tax-xellug tat-triq u maqlub fuq il-genb xellugi tieghu u aventi hsara estensiva fuq quddiem waqt li l-karozza misjuqa mill-akkuzat kienet 'max-xellug tat-triq, angolata lejn ix-xellug' (ara wkoll ir-ritratti annessi mal-atti a fol 62 mehudin u sottomessi mill-espert fotografu PS 1199 Anthony Sammut).

c) Madwar ghaxar piedi (10') minn-naha ta' wara tal-istess Ford Capri 'izda fuq il-kareggjata l-ohra tat-triq fejn it-traffiku jinsaq lejn San Giljan, kien hemm roqgha trab, ilma tas-sadid kif ukoll bicciet tal-hgieg, liema ilma u hgieg originaw mill-istess Ford Capri specifikatament mir-radiator u l-headlamp tal-lemin ta' din il-karozza. In rigward dan, l-istess espert issottometta, korrettament fil-fehma tal-Qorti, li dan kien l-hekk imsejjah 'spot of impact'.

d) Gie nnotat ukoll li kien hemm barxa friska li tibda mill-karreggjata tal-lemin, tkompli fuq il-linja bajda kontinwa f'nofs it-triq u tispicca fejn kien jinsab il-mutur. Fuq l-istess naha mac-cint kien hemm ukoll roqgha ta' demm (ara wkoll il-pjanta tal-post tal-incident maghmula mill-espert AIC Richard Aquilina a fol 62 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi mill-fatti kif hawn fuq esposti, ghandu jinghad li mill-evidenza li nstabet fuq il-post tal-incident u li giet kostatata mill-esperti nominati f'dan il-kaz, jidher car li din il-kollizzjoni grat fuq il-karreggjata tal-lemin tal-istess triq, thares lejn San Pawl il-Bahar.

Konsegwentement, hemm indizju car li l-akkuzat, sejjer fid-direzzjoni ta' san Pawl il-Bahar u presumibbilment sabiex jissorpassa karozza ohra, mill-kareggjata fejn kien, qasam il-linja bajda medjana u kontinwa u mar fuq in-naha l-ohra tat-triq ('the improper side of the road') u b'hekk habat mal-mutur misjuq minn Michael Joseph Quinn li kien qed jinsaq fid-direzzjoni ta' San Giljan. In rigward dan, issir referenza wkoll ghas-segwenti:

a) L-istess Michael Joseph Quinn, waqt l-inkjesta xehed li hu kien qed isuq il-mutur involut, b'Patricia Cusack riekba warajh, li fil-hin tal-incident kien hemm hafna traffiku fiz-zewg direzzjonijiet, u li hu kien qed isuq fuq in-naha t-tajba tat-triq, meta, wara l-imsemmija liwja, hu ra l-karozza misjuqa mill-akkuzat 'coming to my side of the road' u li hu ma kienx qed jissorpassa xi karozza jew vettura ohra (ara wkoll ix-xhieda tal-istess Patricia Cusack waqt l-inkjesta).

b) PC 833 Francis Seychell (fol 71 et seq ibid tal-atti) inzerta li kien ghaddej mill-istess lokalita mal-familja tieghu. Oltre li semma wkoll li kien hemm hafna traffiku, spjega li meta kien wasal fuq il-post tal-incident, ftit ta' hin wara li dan gara, kien ra l-Ford Capri wieqfa 'l hemm mill-linja medjana fil-kareggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni ta' San Pawl il-

Bahar. Fuq l-istess kareggjata kien hemm, ftit il-boghod mill-istess Ford Capri, motor cycle kif ukoll ragel u mara mal-art (ara wkoll ix-xhieda ta' PC 888 Dunstan Camilleri) a fol 96 ibid).

c) Raymond Borg l-akkuzat ghazel li jixhed kemm waqt l-inkjesta kemm waqt dawn il-proceduri (fol 200 et seq ibid). Hawnhekk hu sostna li kien il-mutur involut li kien qed jaqla karozza ohra. Di fatti hu kien xehed "F'ebda hin ma jidhirli li qbizt il-linja medjana u lanqas ma mort 'wrong side'. Kien il-mutur li gie wrong side', waqt li cahad li hu kien qed jissorpassa karozza ohra. In rigward l-ahhar punt imsemmi minnu hu testwalment xehed 'Mistoqsi jekk jiena, qabel ma gara l-incident kontx qed naqbez karozza, nirripsondi 'ma stajtx' '. Pero tali verzjoni tal-fatti ma tistax tigi accettata in vista li kif diga inghad fuq il-post tal-incident, instabet evidenza, kif hawn fuq deskritta li tindika b'mod car li l-impattt frontali kien gara fuq in-naha tat-triq minn fejn kien qed isuq il-parti lesa imsemmi. Ghalhekk ghandu jigi konkluz li dan l-incident sehh minhabba sorpass ta' vettura ohra da parti tal-akkuzat li qabez il-linja medjana kontinwa u mar fuq 'l-improper side of the road'.

Ikkunsidrat

Illi l-manuvra tal-akkuzat kif esposta ghandha tigi kunsiderata bhala wahda altament perikoluza in vista li saret minnu vicin u immedjatament qabel liwja fit-triq u bi traffiku intensiv fuq iz-zewg nahat taghha minghajr il-bzonn ta' kumment ulterjuri.

Ikkunsidrat

Illi bhala konsegwenza ta' dan, oltre hsara nvolontarja fuq il-mutur involut, (ara x-xhieda ta' Godwin Mangion a fol 45 et seq ibid) gew kagunati, involontarjament mill-akkuzat, izda bhala rizultat tas-sewqan perikoluz da parti ta' dan, feriti gravi fuq Michael Joseph Quinn kif rizultanti mill-provi medici 'ad hoc' u 'in estensa' prodotti waqt dawn il-proceduri (ara x-xhieda tat-tabib Anthony Buttigieg a fol 49 u 121 et seq ibid u tat-tabib

Charles Grixti a fol 79 u 152 et seq ibid u tat-tabib Dr Martin Slifka a fol 157 et seq ibid) waqt li a bazi tal-istess provi dawk kagunati fuq Patricia Cusack ghandhom jigu kunsiderati bhala hfief.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-akkuzat hati talli fil-Coast Road, Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar fid-29 ta' Gunju, 1989 ghall-habta tal-11.00 a.m.

1. Saq vettura tal-ghamla Ford Capri 1600 bin-numru ta' registrazzjoni K 6080 b'manjiera perikoluza u traskurata.

2. Fl-istess lok, jum u hin b'nuqqas ta hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tas-sewqan jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Michael Joseph Quinn skond ma' ccertifika Dr Ivan Esposito MD tal-isptar San Luqa kif ukoll ikkaguna feriti ohra hfief fuq il-persuna ta' Patricia Cusack.

3. Fl-istess lok, jum u hin ikkaguna hsara fuq il-mutur tal-ghamla Yamaha 100 bin-numru tar-registrazzjoni Q 3303 ghad-dannu tas-sid tal-imsemmi mutur.

Rat l-artikoli 15 (1) (a) (2) (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 226 (1) (a) (c) u 328 (b) tal-Kodici Kriminali.

In rigward piena, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, fejn irrizulta li s-sewqan tal-akkuzat kien perikoluz u gab il-konsegwenzi gravi kif imsemmija, il-Qorti tara li ghandha timponi piena pekunjarja u perjodu ta' skwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan mahruga fuq l-akkuzat.

Ghaldaqstant il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghall-piena ta' LM500 (hames mitt lira maltin) multa komplessivament, kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-istess akkuzat minn kull licenzja tas-sewqan tieghu ghall-perjodu ta' sena minn ghada stess.

In oltre, wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, tordna li l-akkuzat ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjes kollha in konnessjoni ma' nomina u konferma ta' esperti waqt dawn il-proceduri.

A. Calleja
Deputat registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur.